

32006D0037

L 22/52

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

26.1.2006

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Diċembru 2005

li taċċetta impenn offrut li għandu x'jaqsam mal-proċeduri *anti-dumping* u kontra s-sussidju li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' l-aċidu sulfaniliku li joriġina mill-Indja

(2006/37/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

prezz offrut minn kumpanija Indjana, jiġifieri Kokan Synthetics &amp; Chemicals Pvt Ltd. ("il-kumpanija").

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien kontra l-importazzjoni li hi l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku *anti-dumping*") u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

- (3) F'Diċembru 2003, il-kumpanija infurmat lill-Kummissjoni li xtaqet tirtira l-impenn tagħha volontarjament. B'hekk, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li aċċettat l-impenn ġiet irrevokata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/255/KE <sup>(6)</sup>.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-ħarsien kontra l-importazzjoni ssussidjata minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(2)</sup> ("ir-Regolament bażiku kontra s-sussidju"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

- (4) Fi Frar 2004, ġiet konkluża investigazzjoni ta' kontra l-assorbiment li għandha x'taqsam ma' l-importazzjonijiet ta' l-aċidu sulfaniliku li joriġina miċ-Ċina permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 236/2004 <sup>(7)</sup>, li żiedet ir-rata tad-dazju *anti-dumping* definittiv għar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina minn 21 % għal 33,7 %.

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

## B. TALBA GĦAL REVIŻJONI

Billi:

## A. PROĊEDURA

- (1) FLulju 2002, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1338/2002 <sup>(3)</sup> impona dazji definittivi ta' kontrobalanċ fuq l-importazzjonijiet ta' l-aċidu sulfaniliku li joriġina fl-Indja. Fl-istess jum, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1339/2002 <sup>(4)</sup>, impona dazji definittivi *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu sulfaniliku li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fl-Indja.
- (2) Fi ħdan il-qafas ta' dawn il-proċeduri, il-Kummissjoni, bid-Deċiżjoni 2002/611/KE <sup>(5)</sup> aċċettat impenn dwar

- (5) F'Diċembru 2004, il-kumpanija ressqet talba għal revizzjoni parzjali interim skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku *anti-dumping* u l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku kontra s-sussidju rispettivament, illimitat fl-ambitu għall-eżami ta' l-aċċettabilità ta' l-applikazzjoni mill-ġdid ta' l-impenn tiegħu.
- (6) It-talba kien fiha biżżejjed evidenza ta' bidla sinifikanti f'ċirkostanzi li kienu seħħu wara li l-kumpanija rtirat volontarjament l-impenn tagħha. Il-kumpanija għalhekk xtaqet toffri mill-ġdid l-impenn tagħha oriġinali u stqarret li, minħabba l-bidla fiċ-ċirkostanzi, impenn bħal dan jista' jkun kemm effettiv kif ukoll operattiv.

<sup>(1)</sup> ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

<sup>(2)</sup> ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004.

<sup>(3)</sup> ĠU L 196, 25.7.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 492/2004 (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 6).

<sup>(4)</sup> ĠU L 196, 25.7.2002, p. 11. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 492/2004.

<sup>(5)</sup> ĠU L 196, 25.7.2002, p. 36.

<sup>(6)</sup> ĠU L 80, 18.3.2004, p. 29.

<sup>(7)</sup> ĠU L 40, 12.2.2004, p. 17.

<sup>(8)</sup> ĠU C 101, 27.4.2005, p. 34.

## C. AĊĊETTAZZJONI TA' L-IMPENN

- (8) Id-dettalji ta' l-aspetti proċedurali u s-sejbiet ta' l-investigazzjoni ta' reviżjoni huma stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru [ŻID] <sup>(1)</sup> li jemenda kemm ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2002 li jimponi dazju definittiv ta' kontrobilanċ kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1339/2002 li jimponi dazju definittiv *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu sulfaniliku li joriġina, *inter alia*, mill-Indja.
- (9) Hija l-konklużjoni ta' l-investigazzjoni li l-impenn revedut offrut mill-kumpanija jista' jiġi aċċettat billi jelimina l-effetti ta' ħsara tad-*dumping* u tas-sussidjar.
- (10) F'din l-offerta riveduta, il-kumpanija qablet li tirranġa l-prezz minimu oriġinarjament offrut biex jindirizza n-natura ċiklika tal-prezz ta' wieħed mill-ingredjenti ewlenin użati fil-produzzjoni ta' l-aċidu sulfaniliku.
- (11) Il-kumpanija sejra wkoll tipprovdi lill-Kummissjoni b'tagħrif regolari u dettaljat dwar l-esportazzjonijiet tagħha lejn il-Komunità, li jfisser li l-impenn jista' jiġi ssorveljat effettivament mill-Kummissjoni. Minbarra dan, l-istrutturi tal-bejgħ ta' din il-kumpanija hija tali li l-Kummissjoni tqis li r-riskju li l-impenn miftiehem iqarraq bil-liġi, huwa limitat.
- (12) Fid-dawl ta' dan, l-impenn huwa aċċettat.
- (13) Sabiex il-Kummissjoni tista' tissorvelja effettivament il-konformità tal-kumpanija ma' l-impenn, meta t-talba għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skond l-impenn hija mressqa quddiem l-awtorità tad-dwana rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju se tkun bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura li jkun fiha għall-inqas dawk il-punti ta' informazzjoni elenkati fl-Anness tar-Regolament (KE) 123/2006. Dan il-livell ta' informazzjoni huwa wkoll meħtieġ biex l-awtoritajiet tad-dwana jkunu jistgħu jaċċertaw bi preċiżjoni suffiċjenti li l-konsenja taqbel mad-dokumenti kummerċjali. Fejn ma tiġix ippreżentata fattura, jew meta din ma tikkorrispondix mal-prodott ippreżentat lid-dwana, ir-rata xierqa ta' dazju ta' kontrobilanċ u ta' *anti-dumping* għandha titħallas minflok.
- (14) Biex ikun żgurat aktar ir-rispett effettiv lejn l-impenn, l-importaturi saru konxji permezz tar-Regolament tal-Kun-

sill ta' hawn fuq li kwalunkwe ksur ta' l-impenn jista' jwassal għall-applikazzjoni retrospettiva tad-dazju *anti-dumping* u ta' kontrobilanċ fit-transazzjonijiet rilevanti.

- (15) Fil-każ ta' ksur jew revoka ta' l-impenn, jew fil-każ ta' ritarar mill-aċċettazzjoni ta' l-impenn mill-Kummissjoni, id-dazju *anti-dumping* u ta' kontrobilanċ impost skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku *anti-dumping* u l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku kontra s-sussidju għandu japplika awtomatikament skond l-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku *anti-dumping* u l-Artikolu 13(9) tar-Regolament bażiku kontra s-sussidju.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

L-impenn offrut mill-produttur esportatur imsemmi hawn isfel, li għandu x'jaqsam mal-proċeduri *anti-dumping* u kontra s-sussidju li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' l-aċidu sulfaniliku li joriġina mill-Indja huwa hawnhekk aċċettat.

Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi Addizzjonali Taric
L-Indja	Kokan Synthetics & Chemicals Pvt Ltd, 14 Guruprasad, Gokhale Road (N), Dadar (W), Mumbai 400028	A398

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni  
Peter MANDELSON  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> Ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.